


# Toroq Qriema li jfakkruna fil-Każin Pinto, fil-parroċċa Bastjaniża u fil-Patrun tagħna Bastjan



*jikteb Alistair-Paul Borġ B.A. (Hons.), M.A.*

Jekk inħarsu lejn l-istorja ta' pajjiżna u niflu bir-reqqa l-iżvilupp kbir li għaddiet minnu din l-art ħelwa, minnufih nintebħu kemm il-Qriema taw kontribut kbir biex il-ħajja Maltija żviluppat kif nafuha llum. Dan l-iżvilupp żgur ma kienx ikun l-istess mingħajr dawn il-ħafna personaġġi Qriema li nsibuhom f'kull qasam tal-ħajja, mill-politika għall-arti, għal-letteratura u anke' fil-ħajja soċjali u spiritwali.

Għalhekk ma setgħax jonqos ukoll li dawn il-persuni, fl-aqwa tal-karriera tagħhom, ikunu rispettati ferm mill-bqija tal-Qriema u dan jidher biċ-ċar mill-ħafna karigi importanti li huma okkupaw fl-għaqdiet lokali jew inkella f'xi waħda miż-żewġ parroċċi. Il-Qriema jidher li lil dawn il-nies baqgħu jiftakruhom anke' wara mewthom u xhieda ta' dan huma l-ħafna toroq f'Ħal Qormi li għandna msemmija għalihom. Mill-banda l-oħra, iżda r-rispett lejn dawn il-persuni żgur li ma jistax jitqabbel mal-qima u d-devozzjoni li l-Qriema kellhom u għad għandhom lejn iż-żewġ padruni tagħhom, San Ġorġ u San Sebastjan u għalhekk ma jistax jonqos ukoll li numru konsiderevoli ta' toroq ikunu msemmija għal dawn il-qaddisin jew għal xi element relatat ma' l-istorja tagħhom.

Ikun interessanti għalhekk jekk induru dawra ma' Ħal Qormi u naraw liem huma dawk it-toroq li ismijiethom ifakkruna kemm f'San Sebastjan kif ukoll f'dawk il-persuni prominenti li taw sehemhom fil-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Pinto u anke' fil-Parroċċa San Sebastjan. Nibdew proprju mit-triq li ġġib isem il-martri Sebastjanu, li tista' tgħid hija waħda mill-aktar toroq kummerċjali fil-Belt Pinto. Dwar dan il-qaddis nafu li l-Qriema fil-passat kienu jitolbu lilu meta r-raħal kien ikun imfestat bil-marda tal-pesta u filfatt l-istatwa ta' San Sebastjan, li proprju tinsab f'din it-triq, saret fl-1814 wara waħda mill-agħar imxijiet tal-pesta. Il-kult lejn San Sebastjan f'Ħal Qormi pero' jmur aktar lura minn dawn iż-żminijiet. Nafu li fis-seklu 16 diġà kien hawn kappella f'Ħal Qormi iddedikata lil dan il-qaddis li iżda llum il-ġurnata m'għadiex teżisti. Barra Triq San Sebastjan insibu toroq oħra li jfakkruna f'dan il-martri. Triq l-20 ta' Jannar, per eżempju, li tinsab fil-parti t'isfel tar-raħal u anke' Misraħ Narbona, ħdejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan. Bla dubju dawk kollha devoti ta' dan il-qaddis jafu li Narbonne hija l-belt fi Franza fejn twieled u għex għal ċertu żmien San Sebastjan.

Induru issa għall-personaġġi u f'dan il-każ ma nistgħux ma nibdewx minn dak il-personaġġ li kemm is-Soċjetà Filarmonika Pinto kif ukoll il-Qriema in ġenerali jidentifikaw ruħhom miegħu. Qed nirreferi għall-GranMastru Emmanuel Pinto de Fonseca li kien il-mexxej pompuż tal-Gżejjer Maltin bejn is-snin 1741 u 1773. F'dawn iż-żminijiet fl-Ewropa kont issib diversi slaten li bis-setgħa divina tagħhom mexxew lil pajjiżhom b'mod despotiku

fil-waqt li nefqu bla rażan għad-dannu tal-bqija tal-poplu. Il-GranMastru Pinto jidher li mexa b'dan l-istess stil u għalhekk, tul it-tmexxija tiegħu, insibu li saru diversi proġetti ta' ċertu lussu esaġerat li fl-aħħar mill-aħħar il-finanzi tal-pajjiż ma kienux jifilħu għalihom. Insemmu l-Berġa ta' Kastilja, per eżempju, li f'dawn iż-żminijiet inbniet kważi mill-ġdid b'lussu liema bħalu u b'arkitettura estravaganti. Għall-Qriema, iżda l-GranMastru Pinto jibqa' dak li fl-1743 għolla lil Ħal Qormi għal ġieħ ta' belt u minħabba f'hekk jidher li l-Qriema baqgħu jirrispettawh għal ħafna snin wara mewtu.



Tant hu hekk li madwar mija u għoxrin sena wara, waqt it-twaqqif ta' l-ewwel għaqda mużikali f'Ħal Qormi, l-ewwel fundaturi ta' din is-Soċjetà għażlu proprju l-isem ta' dan il-GranMastru biex isemmu l-għaqda ġdida tagħhom. Iżda hawnhekk tajjeb wieħed jara eżatt min kienu dawn il-fundaturi. Ewlieni fosthom żgur kien Patri Giuseppe Spiteri Fremond, għalliem tal-mużika kif ukoll *Maestro di Cappella* f'dawn iż-żminijiet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. L-ewwel mużiċisti tas-Soċjetà Filarmonika Pinto filfatt kienu studenti ta' dan il-patri bravu li milli jidher kien igawdi minn ċertu stima u rispett fil-kamp mużikali lokali. Insibu wkoll li żewġ surmastrijiet bikrin tas-Soċjetà, Emanuele Bartoli u Giorgio Zarb, laħqu tgħallmu għandu qabel huwa miet fl-1878. Intant naraw li f'Ħal Qormi insibu kemm Triq Pinto kif ukoll Triq Patri Giuseppe Spiteri Fremond. Bla dubju Triq Pinto hija l-aktar waħda antika minn dawn iż-żewġ toroq u filfatt tinsab f'waħda mill-aktar żoni qodma, fl-inħawi tal-Vitorja.

Naraw għalhekk li Giorgio Zarb kien wieħed minn tal-bidu' li mexxew il-Banda Pinto u filfatt, fl-1882 nsibuh jidderieġi l-banda fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta tal-Kardinal Lavigerie. B'kollox dan Zarb dam madwar sittax -il sena Surmast Direttur iżda minkejja dan iż-żmien kollu ftit li xejn insibu kompożizzjonijiet tiegħu fil-Każin. Madankollu jidher li mis-seklu dsatax il-hawn il-Qriema xorta baqgħu jiftakru fih u filfatt illum il-ġurnata, fl-inħawi tal-Ħandaq, insibu triq li dan l-aħħar ġiet imsemmija għalih. Intant, f'dawn l-istess inħawi insibu triq oħra li wkoll ġġib l-isem ta' surmast ieħor bikri tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Triq Nicola Montebello filfatt tfakkarna f'surmast li mexxa l-Banda Pinto għal żmien qasir bejn l-1903 u l-1904. Din l-informazzjoni iżda għadha ma ġietx aċċerata għal kollox mill-istoriċi tal-Każin, anke' jekk huwa żgur li għal numru ta' snin dan Montebello kien bandist tal-Banda Pinto. Dan is-surmast, mill-banda l-oħra, huwa aktar magħruf mal-Qriema għaż-żmien twil li qatta' bħala s-Surmast Direttur tal-Banda San Ġorġ Martri.

Nerġgħu induru għas-Soċjetà Filarmonika Pinto u nsibu li proprju f'dawn iż-żminijiet il-Każin kien immexxi mill-President Anton Muscat Fenech, Bormliż li dam f'din il-kariga għal tmienja u għoxrin sena sħaħ bejn l-1878 u l-1906. Għalhekk kien ukoll President meta fil-5 ta' Ġunju 1890 ġie fformulat l-istatut il-ġdid tal-Każin. Kif kulħadd jaf, din id-data għadha titfakkar sal-lum bħala Jum il-Fondazzjoni tas-Soċjetà. Intant naraw li dan Muscat Fenech fost il-ħafna impenji tiegħu, serva wkoll għal numru ta' snin bħala Viċi-Konslu għall-Imperu Awstro-Ungaru u jidher li bis-saħħa ta' din il-kariga għen mhux ftit biex il-Banda Pinto żżur Reggio Calabria fl-1895. Barra minn hekk hu kien ukoll wieħed mill-pijunieri tal-kitba tal-Malti, l-istess bħal sieħbu Ġuże' Muscat Azzopardi li wkoll għamel żmien twil midħla tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Huwa xieraq għalhekk li fil-Belt Pinto illum il-ġurnata nsibu żewġ toroq, mhux il-bogħod minn xulxin, li jġibu l-isem ta' dawn iż-żewġ personaġġi.

Ġuże' Muscat Azzopardi, mill-banda l-oħra żgur li m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni ma' kull min hu midħla tal-kultura Maltija. Minbarra li qatta' żmien twil fil-kumitat tal-Każin, l-ewwel bħala Segretarju imbagħad bħala President, dan Muscat Azzopardi kien

Induru issa għal skultur ieħor li, bħal Borġ, żgur li m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni ma' dawk kollha li jħobbu l-arti. Qed nirreferi hawnhekk għal Marco Montebello li kien minn Ħal Qormi u li fl-aqwa tal-karriera tiegħu ħadem diversi opri artistiċi tista' tgħid f'kull rokna tal-Gżejjer Maltin. Nistgħu ngħidu li dan Montebello kien wieħed mill-aqwa artisti ta' żmienu u dan jidher li l-Qriema baqgħu jiftakruh tant li llum il-ġurnata f'Ħal Qormi nsibu kemm monument kif ukoll triq imsemmija għalih, lejn l-inħawi tar-Rabbat. Tassew li f'Ħal Qormi għadna ngawdu minn patrimonju sħiħ ta' xogħolijiet tiegħu. Insemmu per eżempju l-istatwa ta' San Sebastjan li tinsab fil-Każin Pinto, l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li nsibu fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Sebastjan u anke' l-istatwa tal-Madonna li tinsab fl-iskola Sekondarja Ġuże' Galea. Interessanti wkoll huma ż-żewġ niċeċ ta' San Sebastjan li jinsabu ftit il-bogħod minn xulxin fi Triq San Bartolomew u Triq San Sebastjan. Dik ta' Triq San Bartolomew inħadmet fl-1928 meta Montebello kien għadu tfajjel ta' 13 -il sena fil-waqt li dik ta' Triq San Sebastjan tista' titqies bħala waħda mill-aħħar xogħolijiet tiegħu qabel miet fl-1988. Kif diġà għidna l-patrimonju artistiku ta' dan l-artist ma nsibuhx f'Ħal Qormi biss u għalhekk ma jistax jonqos ukoll li xogħolijiet oħra apprezzabbli nsibuhom f'postijiet bħall-Belt Valletta, Marsaxlokk, il-Pieta, il-Mosta u anke' Ħaż-Żebbuġ.

Fl-istess żmien meta Montebello kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu insibu artist ieħor Qormi li wkoll kien qed jagħmel isem għalih innifsu. Emanuel Borg Gauci filfatt, l-istess bħal Montebello, ħalla diversi xogħolijiet ta' preġju madwar il-Gżejjer Maltin kollha. Differenti minn Montebello, iżda, hu kien ukoll soċju tas-Soċjetà Filarmonika Pinto u għalhekk wieħed jifhem aktar għalfejn ħafna mill-opri tiegħu jinsabu proprju fil-Każin Pinto. Nibdew biex insemmu l-bust tal-GranMastru Pinto per eżempju, li qiegħed fil-bitħa tal-Każin, il-pittura ta' l-istess GranMastru li tinsab fis-Sala Pinto, il-pittura ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi u anke' l-pittura ta' San Sebastjan kkurat mill-anġli. Interessanti wkoll hija l-iskultura b'tema tal-mużika li tinsab fuq il-ħnejja tal-bar tal-Każin. Bla dubju dawn ix-xogħolijiet huma kollha opri artistiċi importanti iżda għandu mnejn li l-aktar xogħol għal qalb il-Qalbisti hija l-bandalora taċ-ċentinarju li Borg Gauci kien iddisinja fl-1962, fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-Każin. Mhux ta' b'xejn li l-Qriema u l-Bastjaniżi baqgħu jiftakruh sew lil dan l-artist u għalhekk ma kinitx sorpriża li dan l-aħħar ġiet imsemmija triq għalih fl-inħawi tal-Ħandaq.

Nerġgħu nduru issa għal nies li għamlu ħoss fil-kamp mużikali u hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux lil Ġużeppi Ciappara, ex-Assistent Surmast tal-Banda Pinto li proprju nsibu triq msemmija għalih ftit l-isfel mill-għassa tal-Pulizija. Dan Ciappara iżda min kien? Ħafna membri anzjani tal-Każin malajr jgħidulek li Ciappara, minbarra li kien għalliem ta' diversi allievi, kien ukoll wieħed mill-akbar benefatturi u partitarji tal-festa kollha Bastjaniża. Spiss kont issibu jorganizza attivitajiet relatati mal-festa, fosthom il-famuża xalata ta' wara l-festa. Nafu li fis-snin ħamsin din ix-xalata kienet tfisser madwar erbgħin xarabank mimlija nies li kollha kienu jerħulha lejn l-aktar xtajtiet popolari ta' Malta. Dan il-personaġġ ħalla wkoll repertorju mużikali apprezzabbli fil-Każin iżda forsi illum il-ġurnata huwa aktar magħruf maż-żgħażagħ bħala l-kittieb tal-marċ famuż *Ding Dong Bells* li kull sena joħloq brijju kbir meta jindaqq fil-ġranet tal-festa Bastjaniża.

L-aħħar personaġġ li ser naraw f'din is-sensiela li iżda żgur m'għandux anqas merti minn dawk ta' qablu huwa l-ex Viċi-Kappillan Dun Ġino Mangion li kif jixraq insibu triq imsemmija għalih ħdejn il-Kortil tal-GranMastru. Kull min jiftakar lil dan il-qassis ħaj jgħidlek li dan Dun Ġino kien maħbub sew fil-parroċċa Bastjaniża u għalhekk ma kinux ftit dawk li nħasdu bil-mewt tiegħu fl-1974, fl-età żgħażugħa ta' 32 sena. Nafu li dan is-saċerdot fil-ftit żmien li pprattika l-vokazzjoni tiegħu serva wkoll bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika Pinto u għalhekk spiss kont issibu l-Każin iqarar u anke' jgħaddi xi kelma ta' ġid 'l hawn u 'l hemm. Bħala tifkira tiegħu illum il-ġurnata fil-Każin



nsibu, fost affarijiet oħra, ritratt bl-immaġini tiegħu impitter mill-artist Borġ Gauci, waħda mill-pjaneti li kien jilbes kif ukoll it-trofew li jġib ismu u li kull sena jingħata lil dak il-bandist li jkun attenda għall-akbar numru ta' servizzi.

B'hekk tajna ħarsa ħafifa lejn dawk il-persuni, midħla tal-komunità Bastjaniża u Qalbista, li l-awtoritajiet għarfuhom bħala denji li tissemma triq għalihom. Madankollu dan ma jfissirx li ma jeżistux aktar nies li ħadmu fi ħdan il-Parroċċa jew il-Każin li ma ħaqqhomx ukoll li jitfakkru b'dan il-mod. Insemmu per eżempju lil Dun Alwiġ Psaila li kien l-ewwel kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan, lis-Surmast Qormi Joseph Magri li mexxa għal żmien twil il-Banda Pinto u li sal-lum għadu meqjus bħala wieħed mill-aqwa mużiċisti Maltin ta' kull żmien. Insemmu wkoll lil pittur Lazzru Pisani li bħal Ġorġ Borg ħalla l-marka tiegħu f'Ħal Qormi permezz ta' biċċa arti li tirrappreżenta lil San Sebastjan. Niftakru wkoll f'Dun Joe Camilleri li miet dan l-aħħar u li tul il-karriera tiegħu okkupa diversi karigi importanti fl-għola istituzzjonijiet tal-Knisja. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas insemmu lil Baldassere Facciol li ħadem bis-sħiħ biex tissawwar u titkattar l-arti tal-piroteknika f'Ħal Qormi u miet proprju waqt li kien qed jaħdem b'mod volontarju f'dan ix-xogħol. Tajjeb li l-awtoritajiet kompetenti jaħsbu f'dawn il-personaġġi waqt it-tismija li jmiss tat-toroq f'Ħal Qormi.


MAGRO
JEWELLERY
Established 1979

148, St.Bartholomew Street
Qormi
Tel. 2144 8230
9.00 to 11.30am & 5.00 to 7.00pm
Monday closed

45, St.Domnic Street
Valletta
Workshop Tel. 2122 4285
8.30am to 1.00pm & 2.00 to 3.00pm
Monday closed

Pinto
Prop. Robert Mercieca
Pastizzeria
&
Confectionery
Triq iċ-Ċawsli, Qormi • Dolceria Tel. 2144 2887 • Shop Tel. 2144 0373